# RMIED

Kienet sabiħa, w rajtha tniżżel rasha
quddiem is-saċerdot. Bħal lejl kien iswed
l-istar fuq ġbinha, u l-ħlewwa ta' ħarsitha
qatt ma refgħet minn l-art, anqas idejha
ma ħallet minn xulxin.
Magħluq fi ħsiebu,
għamel salib bir-rmied fuq ras ix-xebba
il-Bniedem t'Alla w: "Ftakar" lissen, "mara,
li inti trab u tarġa' trab...........................
...............................................Miġbura
f'dik it-twissija, ħarġet qajla qajla
mill-knisja x-xebba w ma xerdetx ħarsitha
mat-triq hi-u-għaddejja. Bosta fuqha
għajnejn intefgħu, u mxew magħha; bosta
qlub ħabbtu mgħaġġel bħal-ma-kien imgħaġġel
id-daqq tal-passi tagħha; u meta wrajha
ingħalaq bieb li ħbiha minn kull ħarsa,
baqgħet l-għajnejn tixtieq u l-qlub titniehed.

L-ewwel jum tar-Randan.
1932

**Dun Karm.**

# AĦBARIJIET TA' KOTBA

**KTIEB EŻEKIEL** miġub bil-Malti minn Alf. M. Galea, *Stamperija tas-Salesiani, 1931.*

Ktieb ta' 200 faċċata. Fuqu nġibulkom li nsību fl-aħħar tiegħu: "B'dan Ktieb Eżekiêl jintemm is-sehem tiegħi tat-tifsir tal-Kotba Mqaddsa maqlubin bi lsienna minn Dun P.P. Saydon, Dun P.P. Grima is-sur Fons: xogħol mill-eqqel, magħmul bir-reqqa, maħdum bil-qalb għall-ġid ta' ħutna l-Maltin li kienu s'issa mċaħħdin minnhom dawn il-Kotba miktubin mn'Alla n-nifsu b'id il-Ħabbarin tiegħu u l-Qaddejjin tiegħu, nies qaddisin u mixgħulin bl-imħabba tal-erwieħ." U nżidu minn tagħna, li s-sehem tas-sur Fons kien tmintax il-ktieb minn tat-Testment il-Qadim, li huma: l-erbgħa tas-Slaten, it-tnejn tal-Paralipômni, Tobjaħ, Ġobb, il-150 Salm, Qwiel ta' Salamûn, Ecclesjastes, Għerf, Ecclesjastku, Għanja tal-Għanjiet, it-tnejn tal-Makkabin, Hisaija u Eżekiêl.

La joħroġ Ktieb Ġeremija b'ta' Baruk, xogħol ta' Dun P.P. Grima, l-Iskrittura Mqaddsa kollha tkun maqluba bil-Malti, u nkunu nistgħu ntennu li għidna fit-tieni ktieb tal-Malti tas-sena 1931 faċċ. 72 li issa "aħna l-Maltin, bħal ġnus l-oħra kollha nkunu nistgħu, b'rasna merfugħa, ingħidu li għandna l-egħżeż u l-egħref kotba miġuba bi lsienna."

S.

* * *

**L-ENĊIKLIKA TAL-PAPA PIJU XI,** b'tifkira tal-Erbgħin Sena tar-Rerum Novarum, imfissra ħafif ħafif u fil-qosor għal ħaddiema tagħna, minn Alf. M. Galea.

Għaliha ngħidu wkoll li kiteb is-sur Fons, għaliex f'kelmtejn fl-ewwel faċċata hu fissrilna li jrid biha jgħallimna l-Papa Piju XI: "*Fuq li jinħtiġilhom il-bnedmin kollha, sew għonja u sew tfal tax-xogħol, jimxu mat-tagħlim tal-Knisja Mqaddsa bl-imħabba ta' aħwa bejniethom, biex hekk id-dinja tissewwa u jista' kullħadd igħix u iħalli min igħix.*"

***

* * *